MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2010

Numru. 201/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Carmelo Bartolo**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Joseph Brincat**
**Tyrone Craig Dark**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Joseph Brincat ta’ 19-il sena, bin missier mhux maghruf u Anna Maria nee’ Brincat, imwieled l-Isla nhar it-8 ta’ Dicembru 1986 u residenti f’10 Triq Azzopardi, Isla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 21087(M) u l-imputat Tyrone Craig Dark ta’ 19-il sena, bin Raymond Alfred u Maria nee’ Mercieca, imwieled f’Perth, fl-Awstralja nhar it-22 ta’ Ottubru 1986 u residenti 28, Flat 3, Indipendence Flats, Triq l-Oratorju, Isla u detentur tal-

karta tal-identita’ numru 211804L gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

Joseph Brincat wahdu talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-28 ta’ Frar 2006, u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1) Nhar it-28 ta’ Frar 2006, f’Rahal il-Gdid, ghal habta ta’ nofs inhar ikkommetta serq ta’ oggett u cioe’, mobile phone, ikkwalifikat bil-vjolenza, liema serq sar ghad-detriment ta’ Patrick Cortis mill-Mtarfa;

2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwstra lil persuni u cioe’ Patrick Cortis mill-Mtarfa kif ukoll lil Annalise Farrugia mill-kontra l-volonta taghhom, jew ta il-post biex fih dawn il-persuni jigu arrestati, mizmuma jew issekwestrati waqt liema delitt heddidhom li joqtluhom jew li jaghmel offiza fuq il-persuna taghhom.

3) Fl-istess data, lok hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) jew id-delitt ta’ serq jew ta’ hsara lill-propjeta’ barra minn hsara involontarja lil propjeta) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

4) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded serjament bil-mewt lil Patrick Cortis mill-Mtarfa permezz ta’ arma regolari;

5) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

6) Nhar is-26 ta’ Frar 2006, fil-Marsa, ghal habta tas-6:15 ta’ filghaxija ikkommetta serq ta’ oggett u cioe’ Katina tad-deheb, ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija kif ukoll bil-hin, liema serq sar ghad-detriment ta’ Alexey Grech mill-Marsa;

7) Fl-istess data, lok , hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil persuna u cioe’ Alexey Grech mill-Marsa kontra l-volonta’ tieghu jew ta’ il-post biex fih dan il-persuna jigi arrestat, mizmum jew issekwestrat waqt liema delitt heddu li joqtlu jew li jaghmel offiza fuq il-persuna tieghu;

8) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) jew id-delitt ta’ serq jew ta’ hsara lill-propjeta’ (barra minn hsara involontarja lil propjeta) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

9) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded serjament bil-mewt lil Alexey Grech mill-Marsa permezz ta’ arma regolari;

10) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

11) Nhar is-26 ta’ Frar 2006, waqt li kien Rahal il-Gdid, ghal habta tas-7.30 ta’ filghaxija ikommetta serq ta’ oggett u cioe’ mobile phone, ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija kif ukoll bil-hin, liema serq sar ghad-detriment ta’ Tyrone Fenech, minn Rahal il-Gdid;

12) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarrest lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil persuna u cioe’ Tyrone Fenech

minn Rahal il-Gdid kontra l-volonta’ tieghu, jew ta il-post fih dan il-persuna jigi arrestat mizmum jew issekwestrat, waqt liema delitt heddu li joqtlu jew li jaghmel offiza fuq il-persuna tieghu;

13) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) jew id-delitt ta’ serq jew ta’ hsara lill-propjeta’ (barra minn hsara involontarja lil propjeta’) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

14) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded serjament bil-mewt lil Tyrone Fenech minn Rahal il-Gdid permezz ta’ arma regolari;

15) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

16) Nhar it-22 ta’ Frar 2006, ghal habta tas-1:00 ta’ wara nofs inhar f’Rahal il-Gdid ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ mobile phone u SIM card, ikkwalifikat bil-vjolenza, liema serq sar ghad-detriment ta’ David Sammut minn Hal-Qormi u Kevin Muscat mir-Rabat;

17) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil persuni u cioe’ David Sammut minn Hal-Qormi u Kevin Muscat mir-Rabat, u lil Roderick Tanti minn Haz-Zebbug kontra l-volonta’ taghhom jew ta’ il-post biex fih dawn il-persuni jigu arrestati, mizmuma jew issekwestrati, waqt liema delitt heddidhom li joqtolhom jew li jaghmel offiza fuq il-persuna taghhom;

18) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) jew id-delitt ta’ serq jew ta’ hsara lill-

propjeta’ (barra minn hsara involontarja lil propjeta) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

19) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded serjament bil-mewt lil David Sammut minn Hal-Qormi u Kevin Muscat mir-Rabat kif ukoll lil Roderick Tanti minn Haz-Zebbug;

20) Nhar it-23 ta’ Frar 2006 ghal habta tas-2:30 ta’ wara nofs in nhar, waqt li kien f’Hal-Tarxien ghal habta tas-2:30 ta’ wara nofs in nhar, ikkommetta serq ta’ oggett u cioe’ mobile phone, ikkwalifikat bil-vjolenza, liema serq sar ghad-detriment ta’ Christian Piscopo minn Hal-Tarxien;

21) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil persuna u cioe’ Christian Piscopo minn Hal-Tarxien kontra l-volonta tieghu, jew ta il-post biex fih dan il-persuna jigi arrestat mizmum jew issekwestrat, waqt liema delitt heddu li joqtlu jew li jaghmel offiza fuq il-persuna tieghu;

22) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta’ tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) jew id-delitt ta’ serq jew ta’ hsara lill-propjeta’ (barra minn hsara involotarja lil propjeta) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

23) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded serjament bil-mewt lil Christian Piscopo minn Hal-Tarxien;

24) Nhar il-15 ta’ Frar 2006, ghal habta tal-4:45 ta’ filghaxija waqt li kien Rahal il-Gdid, ikommetta serq ta’ oggett u cioe’ mobile phone ghad-detriment ta’ Neil Maniscalco minn Marsaxlokk;

25) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil persuna u cioe’ Neil Maniscalco minn Marsaxlokk kontra l-volonta tieghu, jew ta il-post biex fih dan il-persuna jigi arrestat mizmum jew issekwestrat, waqt liema delitt heddu li joqtlu jew li jaghmel offiza fuq il-persuna tieghu;

26) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded serjament lil Neil Maniscalco minn Marsaxlokk;

27) Matul il-perjodu ta’ bejn it-28 ta’ Frar 2006 u ix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta’ oggett u cioe’ mobile phone, liema serq li sar ghad-detriment ta’ persuna b’identita’ sa issa mhux maghrufa, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin;

28) Matul il-perjodu ta’ bejn it-28 ta’ Frar 2006 u x-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta’ oggett u cioe’ stereo CD player ta’ karozzi tal-ghamla Daewoo, ikkwalifkat bil-hin, bil-mezz kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, liema serq sar ghad-detriment ta’ persuna b’identita’ s’issa mhux maghrufa;

29) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li saret ghad-detriment ta’ persuna b’identita’ s’issa mhux maghrufa tiskorri il-valur ta’ Lm50.

30) Matul il-perjodu ta’ bejn it-28 ta’ Frar 2006 u ix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta’ oggett u cioe’ stereo CD player ta’ karozzi tal-ghamla Majestic, ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, liema serq sar ghad-detriment ta’ persuna b’identita’ s’issa mhux maghrufa;

31) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li saret ghad-detriment

ta' persuna b'identita' s'issa mhux maghrufa tiskorri il-valur ta' Lm50;

32) Lil Joseph Brincat wahdu talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

Lil Tyrone Craig Dark wahdu talli matul il-perjodu ta' bejn it-28 ta' Frar 2006 u ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Nhar is-27 ta' Frar 2006, ghal habta ta' l-10:30 ta' filghodu, waqt li kien Rahal il-Gdid ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' diversi hwejjeg, liema serq li sar ghad-detriment ta' Ramon Xuereb minn Pieta' u/jew persuni ohra huwa ikkwalifikat bil-vjolenza;

2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil persuna u cioe' Ramon Xuereb minn Pieta' kontra l-volonta tieghu, jew ta' il-post biex fih dan il-persuna jigi arrestat, mizmum jew issekwestrat, waqt liema delitt heddu li joqtlu jew li jaghmel offiza fuq il-persuna tieghu;

3) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) jew id-delitt ta' serq jew ta' hsara lill-propjeta' (barra minn hsara involontarja lil propjeta') kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded serjament bil-mewt lil Christian Piscopo minn Hal-Tarxien permezz ta' arma regolari;

5) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Lil Tyrone Craig Dark wahdu talli kiser il-provediment tal-artikolu 446 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel, huwa kien gie moghti il-liberta’ bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perjodu ta’ sena.

Lil Joseph Brincat kif ukoll lil Tyrone Craig Dark flimkien talli:

1) F’dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta’ bejn it-28 ta’ Frar 2006 u ix-xhur ta’ qabel din id-data, ikkommettew serq ta’ mobile phone, ikkwalifikat bil-vjolenza, liema serq sar ghad-detriment ta’ persuna b’identita’ s’issa mhux maghrufa;

2) Fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom l-Ligi taghti is-setgha lil privat li jarresta lil hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil persuna b’identita s’issa mhux maghrufa kontra l-volonta tieghu, jew taw il-post biex fih dan il-persuna jigi arrestat mizmum jew issekwestrat, waqt liema delitt heddewh li joqtluh jew li jaghmlu offiza fuq il-persuna tieghu;

3) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt kontra s-sigurta tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) jew id-delitt ta’ serq jew ta’ hsara lill-propjeta’ (barra minn hsara involontarja lil propjeta) kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

4) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, heddew serjament bil-mewt lil persuna b’identita’ s’ issa mhux maghrufa;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 28 ta' Settembru 2007(esebita a fol. 296 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

Fil-konfronti ta' Joseph Brincat
(1) Fl-artikoli 18, 261(a), 262, 275 u 276 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(2) Fl-artikoli 18, 86, 87(1)(c) u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(3) Fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 26(a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(4) Fl-artikoli 18, 251, 339(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(5) Fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(6) Fl-artikoli 18, 261 (a)(c)(f), 262, 267, 270, 275, 276, 277, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(7) Fl-artikoli 18, 86, 87(1)(c) u 87 (1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(8) Fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 26(a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(9) Fl-artikoli 18, 251, 339(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(10) Fl-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(11) Fl-artikoli 18, 261(a)(c)(f), 262, 267, 270, 275, 276, 277, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(12) Fl-artikoli 18, 86, 87(1)(c) u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(13) Fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 26(a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(14) Fl-artikoli 18, 251, 339(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(15) Fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 13 Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(16) Fl-artikoli 18, 261(a), 262, 275 u 276 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(17) Fl-artikoli 18, 86, 87(1)(c) u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(18) Fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 26(a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(19) Fl-artikoli 18, 251, 339(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(21) Fl-artikoli 18, 86, 87(1)(c) u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(22) Fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 26(a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(23) Fl-artikoli 18, 251, 339 (1)(b) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(24) Fl-artikoli 18, 261(a), 262, 275 u 276 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(25) Fl-artikoli 18, 86, 87(1) (c) u 87 (1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(26) Fl-artikoli 18, 251, 339(1)(b) u u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(27) Fl-artikoli 18, 261(f), 270 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(28) Fl-artikoli 18, 261(b)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 270, 271(g), 278 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(29) Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(30) Fl-artikoli 18, 261(b)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 270, 271(g), 278 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(31) Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(32) Fl-artikoli 18, 261(a), 262, 275 u 276 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(33) Fl-artikoli 18, 86, 87(1)(c) u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(34) Fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 26(a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(35) Fl-artikoli 18, 251, 339(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(36) Fl-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(37) Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. TYRONE CRAIG DARK :-

(a) fl-artikoli 18, 261(a), 262, 275 u 276 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikoli 18, 86, 87(1)(c) u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 26(a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) fl-artikoli 18, 251, 339(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(e) fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(f) fl-artikoli 18, 261(a), 262, 275,u 276 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(g) fl-artikoli 18, 86, 87(1)(c) u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(h) fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 26(a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(i) fl-artikoli 18, 251, 339(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(j) fl-artikoli 7, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(k) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tas-26 ta' Mejju 2009, l-imputati ddikjaraw li huma m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz jirrigwardaw sensiela ta’ hold-ups li saru f’perijodu qasir ta’ zmien lejn l-ahhar ta’ Frar 2006. Mill-provi, u senjatament mix-xhieda tal-Ufficjali Investigattivi u Prosekuturi f’dan il-kaz, u cioe’ s-Supretendent Carmelo Bartolo u l-Ispettur Jesmond Borg, irrizulta li fis-27 ta’ Frar 2006 ghall-habta tal-10.30am sar rapport fl-Ghassa ta’ Rahal il-Gdid minn certu Ramon Xuereb li kien jahdem bhala salesman fil-hanut tal-hwejjeg bl-isem ta’ Exit li kien jinsab Rahal il-Gdid li ftit aktar kmieni dakinhar stess kien dahal guvni jipprova xi hwejjeg u wara li pruvahom u accetta li jixtrihom u waqt li Xuereb kien qed idahhal l-imsemmija hwejjeg f’baskett, dan il-guvni hareg sikkina mill-but tal-qmis ippuntaha lejn Xuereb u heddu li jekk kien ser jghajjat kien ser iweggghu bis-sikkina u mbaghad telaq jigri l-barra bil-baskett tal-hwejjeg. Ramon Xuereb kien talab lil dan l-guvni sabiex jaghtih in-numru tal-karta tal-identita’ u dan fil-fatt kien tah dan in-numru u meta Xuereb imputja l-imsemmi numru fis-sistema kompjuterizzata tal-hanut kien telghawlu id-dettalji tal-imputat Tyrone Craig Dark u huwa ghalhekk ghadda dawn id-dettalji lil Pulizija. Wara li l-Pulizija arrestaw lill-imsemmi Tyrone Craig Dark huwa rrilaxxja tlett stqarrijiet (inseriti a fol. 25 et sequitur tal-process) fejn huwa kkopera mal-Pulizija u mal-ewwel ammetta l-involviment tieghu fil-hold up fl-imsemmi hanut u inoltre qal lil Pulizija li aktar qabel fix-xahar ta’ Frar huwa kien involut f’hold up iehor li sar flimkien mal-ko-akkuzat Joseph Brincat liema hold up kien sehh ghall-habta tal-4.30pm gewwa Hal-Tarxien fejn kienet twaqfet persuna li giet mhedda b’turnavit u fejn imbaghad nsteraq mobile phone tal-marka Sagem X5. L-imputat Joseph Brincat ukoll gie arrestat u huwa rrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 34 sa 38 tal-process) fejn huwa kkopera bis-shih mal-Pulizija u nfurmahom li huwa kien wettaq sensiela ta’ hold-ups fix-xahar ta’ Frar fejn seraq fil-maggor parti mobile phones u f’okkazzjoni wahda fejn il-persuna mwaqqfa ma kellux mobile phone, gizirana tad-deheb. Huwa infurma lil Pulizija wkoll li kien wettaq zewg serqiet ta’ stereos minn vetturi parkeggjati f’Rahal il-Gdid u kkonferma wkoll li kien wettaq hold-up fejn gie misruq mobile phone minn Hal-

Tarxien flimkien ma Tyrone Craig Dark. L-imputat Tyrone Craig Dark meta rega' gie nterrogat mill-Pulizija cahad li kien involut fis-serqiet tal-istereos mill-vetturi jew f' xi hold-ups ohrajn oltre dak li kien indika fl-istqarrija minnu rilaxxjata.

Illi l-akkuzi mmarkati 1 sa 26 li inghataw fil-konfronti tal-imputat Joseph Brincat wahdu jirrigwardaw sensiela ta' sitt hold-ups li gew ilkoll imwettqa fix-xahar ta' Frar 2006 fl-inhawi ta' Rahal-il-Gdid, Hal-Tarxien u l-Marsa. Din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li dawn l-akkuzi jirrizultaw ilkoll pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fil-konfronti tal-imputat Joseph Brincat. Kif diga ntqal aktar 'il fuq fl-istqarrija minnu rilaxxjata l-imputat Joseph Brincat kien hu stess li ta d-dettalji lil Pulizija dwar dawn is-sensiela ta' hold-ups u inoltre ammetta li kien huwa li wettaq l-imsemmija hold-ups izda apparti minn hekk in kwantu jirrigwarda kull wahda minn dawn il-hold-ups xehdu l-vittmi involuti  li lkoll identifikaw lill-imputat bhala l-persuna li kien wettaq il-hold-up fil-konfronti taghhom u anki gharfu l-arma minnu uzata fil-hold-ups in kwistjoni u l-beritta (Dok. X1 esebita fl-udjenza tal-21 ta' April 2006) li kien liebes l-imputat. In kwantu jirrigwarda l-hold-up li sehh fit-28 ta Frar 2006 fejn insteraq mobile phone fl-10 ta' Marzu 2006 xehdu Patrick Cortis u Annalise Farrugia. Dwar il-hold up li sehh fis-26 ta' Frar 2006 ghall-habta tas-6.15pm fejn insterqet katina tad-deheb, il-Marsa xehed Alexey Grech fl-udjenza tal-21 ta' April 2006. Dwar il-hold–up tas-26 ta Frar 2006 li sar f'Rahal il-Gdid ghall-habta tas-7.30pm fejn insteraq mobile phone tal-marka Nokia xehed Tyrone Fenech fl-udjenza tal-21 ta' April 2006. Dwar il-hold up li sehh fil-21 ta' April 2006 ghall-habta tas-1.00pm f'Rahal il-Gdid xehdu Kevin Muscat (21 ta' Awwissu 2007), Robert Tanti (21 ta' Awwissu 2007) u David Sammut (21 ta' April 2006). Dwar il-hold–up illi sehh fit-23 ta' Frar 2006 ghall-habta tas-2.40pm f'Hal-Tarxien fejn insteraq mobile tal-marka Sagem, xehed Christian Piscopo waqt l-udjenza tal-21 ta' April 2006 filwaqt li dwar is-serqa li sehhet fil-15 ta' Frar 2006 ghall-habta tal-4.45pm f'Rahal il-Gdid fejn insteraq mobile phone tal-marka Nokia xehed Neil Maniscalco

waqt l–udjenza tas-7 ta’ Dicembru 2006. In kwantu jirrigwarda l-ewwel hames hold-ups li ghadha kemm saret referenza ghalihom irrizulta wkoll li l-imputat arresta illegalment, ghalkemm dejjem ghal ftit minuti jew anqas lilll-vittmi nvoluti billi pponta jew heddidhom b’sikkina jew turnavit kif ukoll bi kliem u rrizulta wkoll li l-imputat ma kellu ebda licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex igorr l-imsemmija armi. In kwantu jirrigwarda l-arrest illegali izda l-Qorti tirritjeni li dan kien mezz ghall-fini tar-reat ta’ serq bi vjolenza u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta in kwantu jirrigwarda l-piena.

In kwantu jirrigwarda s-serq ta’ mobile phone indikat fl-akkuza mmarkata bhala numru 27 liema serq allegatament sehh fit-28 ta’ Frar jew fix-xhur ta’ qabel ghad-detriment ta’ persuna mhux maghrufa l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma gabitx provi li jindikaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat wettaq l-imsemmi serq u ghalhekk huwa ser jigi dikjarat mhux hati tal-imsemmija akkuza. In kwantu jirrigwarda s-serq ta’ stereos effetwati minn zewg vetturi separati parkeggjati f’Rahal il-Gdid li ghalihom jirreferu l-akkuzi mmarkati minn 28 sa 31 il-Qorti jidrilha li dawn jirrizultaw pruvati mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Joseph Brincat fejn dan ta rendikont dettaljat tal-hin, lok u oggett misruq u l-metodu minnu adoperat sabiex jisgassa l-vettura in kwistjoni kif ukoll dwar il-mod kif iddispona mill-oggetti misruqa u l-hsara minnu kagunata fil-vetturi in kwistjoni. L-imputat Joseph Brincat sejjer ghalhekk jinstab hati anki tal-akkuzi mmarkati bhala 28, 29, 30 u 31 izda in kwantu jirrigwarda l-akkuzi mmarkati bhala 29 u 31 dawn ser jitqiesu bhala li kienu mezz ghal fini tal-akkuza ta’ serq.

L-imputat gie wkoll akkuzat li sar recidiv izda ma ngabet ebda prova f’dan is-sens u fi kwalunkwe kaz l-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-3 ta’ Novembru 2008 ma ndikax li tista’ tinstab htija taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 izda ndika biss l-Artikolu 289. Mill-provi rrizulta li meta l-imputat Joseph Brincat kellu tlettax il-sena huwa instab hati mill-Juvenile Court ta’ serq fejn inghata Canfira u Twiddiba. Il-Qorti fic-cirkostanzi ma

jidrilhiex li ghandu jigi applikat l-Artikolu 289 ghal finijiet ta' piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Joseph Brincat.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Tyrone Craig Dark wahdu jinsab akkuzat li wettaq hold-up fis-27 ta Frar 2006 ghall habta tal-10.30am minn hanut bl-isem ta' Exit li jinsab Rahal il-Gdid. Kif diga' ntqal aktar 'il fuq fl-istqarrija minnu rilaxxjata l-imputat Tyrone Craig Dark ammetta li huwa kien il-persuna li wettaq l-imsemmi hold-up u ta d-dettalji tal-mod kif wettaq l-imsemmi hold-up, tal-oggetti misruqa, tal-arma minnu uzata u tal-mod kif huwa ddispona mill-oggetti misruqa. Fi kwalunkwe kaz f'dawn il-proceduri xehed il-vittma tal-imsemmi hold up, Ramon Xuereb, li xehed waqt l-udjenza tal-10 ta' Marzu 2006 fejn dan identifika lill-imputat Tyrone Craig Dark bhala l-persuna li wettaq il-hold-up. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-akkuzi mmarkati bhala 1, 2 u 3 migjuba fil-konfronti tal-imputat Tyrone Craig Dark wahdu stante li mill-provi rrizulta li l-imsemmi imputat wettaq is-serq bi vjolenza, li huwa zamm lil Ramon Xuereb illegalment, ghalkemm ghal ftit minuti biss, izda xorta wahda kontra l-volonta' tieghu billi heddu u ppuntalu sikkina kif ukoll li huwa utilizza arma regolari waqt li kien qed iwettaq reat. Anki fil-kaz tal-imputat Tyrone Craig Dark l-Qorti tirritjeni li l-arrest illegali kien mezz ghalll-fini tat-twettiq tar-reat ta' serq bi vjolenza u sejjer ghalhekk jigi applikat l-Artikolu 17(h) in kwantu jirrigwarda l-piena. In kwantu jirrigwarda l-akkuza mmarkata bhala numru 4 moghtija fil-konfronti tal-imputat Tyrone Craig Dark wahdu ma tistghax tinstab htija stante li f'din l-akkuza jissemma theddid fil-konfronti ta' Christian Piscopo u mill-provi minn imkien ma jirrizulta li l-imputat Tyrone Craig Dark ghamel xi theddid fil-konfronti tal-imsemmi Piscopo. In kwantu jirrigwarda l-akkuza li l-imputat Tyrone Craig Dark kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu f'sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn huwa inghata conditional discharge din ukoll tirrizulta pruvata stante li s-sentenza relattiva giet esebita waqt l-udjenza tal-5 ta Ottubru 2007 u tinsab inserita a fol. 241 tal-atti processwali.

In kwantu jirrigwarda l-akkuzi migjuba fil-konfronti taz-zewg imputati fejn huma jinsabu akkuzati b'hold up li allegatament sehh fit-28 ta' Frar 2006 jew fix-xhur ta' qabel fejn insteraq mobile phone ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa, il-Qorti jidrilha li din l-akkuza ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-ligi la fil-konfronti tal-imputat Joseph Brincat u l-anqas fil-konfronti tal-imputat Tyrone Craig Dark u dan ghaliex ma ngabitx il-prova tal-lok, hin u ghad-detriment ta' min giet effetwata tali serqa. Ghalkemm iz-zewg imputati fl-istqarrijiet rispettivi taghhom it-tnejn jaghmlu referenza ghal hold-up li wettqu flimkien fejn insteraq mobile phone il-Qorti ghandha dubju jekk dan il-hold up li qed jaghmlu referenza ghalih jistghax ikun xi wiehed minn dawk li taghhom l-imputat qed jigi akkuzat fl-akkuzi mmarkati bhala 1 sa 26 u ghalhekk jidrilha li tali dubju ghandu jimmilita favur l-istess imputati u konsegwentement mhux ser tinstab htija in kwantu jirrigwarda l-akkuzi mahruga fil-konfronti taz-zewg imputati f'daqqa.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti thoss li ghandha titratta b'mod differenti maz-zewg imputati u dan ghalkemm mill-provi rrizulta li huma t-tnejn ikkoperaw mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet. In kwantu jirrigwarda l-imputat Joseph Brincat tenut kont tal-gravita' u tal-kwantita' tar-reati li taghhom huwa qed jinstab hati l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva izda tenut kont ukoll tal-koperazzjoni shiha murija mill-imputat Joseph Brincat fil-kors tal-investigazzjonijiet fejn kien huwa stess li di sentu ta d-dettalji dwar sensiela ta' hold-ups li kien effettwa, l-Qorti tirritjeni li tali piena ghandha tkun aktar vicin il-minimum imponibbli.

In kwantu jirrigwarda l-imputat Tyrone Craig Dark, il-Qorti ikkunsidrat kemm il-koperazzjoni tieghu fil-kors tal-investigazzjonijiet fejn l-informazzjoni minnu moghtija waslet ghall-arrest tal-imputat Joseph Brincat, kif ukoll il-fatt li mill-provi, u senjatament mix-xhieda tal-Probation Officer Mary Rose Farrugia (li xehdet fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2009) kif ukoll mix-xhieda ta' Reuben Degabriele mil-Caritas li xehed fl-istess udjenza, jirrizulta li l-imptuat Tyrone Craig Dark li fiz-zmien li kkommetta r-

reati li taghhom qed jinstab hati fil-kawza odjerna u qabel kellu problema akuta ta' abbuz mid-droga, izda sa mill-bidu tas-sena 2008 kien dejjem qed jirrizulta negattiv ghall-urine samples li kienu qed isirulu b'mod frekwenti mill-Caritas u jidher ghalhekk li huwa qabad it-triq it-tajba billi llum il-gurnata ghandu xoghol stabbli u bena familja u ghalhekk il-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja sospiza u mhux wahda effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi msemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-28 ta' Settembru 2007 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 86, 87(1), (c) u (e), 251, 261(a), (b)(c)(f) u (g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 275, 276, 277, 279, 280, 281, 325 u 339(1)(b) u (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 13 u 26(a) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Joseph Brincat hati tal-akkuzi mmarkati bhala wiehed (1) sa sitta u ghoxrin (26) u dawk mmarkati bhala tmienja u ghoxrin (28) sa wiehed u tletin (31) u tikkundannah hames (5) snin prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Joseph Brincat mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi msemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-28 ta' Settembru 2007 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 86, 87(1), (c) u (e), 261(a), 262, 275 u 276, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 13 u 26(a) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 7, 22, 23, 24 u 25 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Tyrone Craig Dark hati tal-akkuzi mmarkati bhala wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3) u hamsa (5) migjuba fl-konfronti tieghu wahdu kif ukoll tal-akkuza li huwa kiser il-provvedimenti tal-Kap. 446 u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' erba (4) snin millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Tyrone Craig Dark mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------